

Brussell, 6 ta' April 2022  
(OR. en)

7887/22

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2017/0113(COD)**

---

**CODEC 437**  
**TRANS 211**  
**PE 38**

## NOTA TA' INFORMAZZJONI

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

---

Suġġett: **ADOZZJONI TA' ATTI LEĠIŻLATTIVI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW**

Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2006/1/KE dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq

- Eżitu tat-tieni qari tal-Parlament Ewropew

(Strasburgu, 4-7 ta' April 2022)

---

## I. VOTAZZJONI

Fil-5 ta' April 2022, il-President tal-Parlament Ewropew iddikjara li l-pożizzjoni tal-Kunsill<sup>1</sup> fl-ewwel qari ġiet approvata mingħajr emendi.

It-test tar-risoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew huwa anness ma' din in-nota.

---

<sup>1</sup> ST 13531/1/21 REV1.

## **II. ADOZZJONI TA' ATTI LEĠIŻLATTIVI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW**

Billi l-Parlament Ewropew approva l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari mingħajr emendi, l-att ikkonċernat jitqies li ġie adottat fil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, kif previst fl-Artikolu 294(7)(a) TFUE.

Wara l-firma mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet, l-att ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

**P9\_TA(2022)0102**

**L-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq \*\*\*II**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' April 2022 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari għall-adozzjoni tad-direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/1/KE dwar l-użu ta' vetturi mikrija mingħajr is-sewwieq għat-trasport ta' merkanzija bit-triq (13531/1/2021 – C8-0172/2017 – 2017/0113(COD))**

**(Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (13531/1/2021 – C8-0172/2017),
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-6 ta' Diċembru 2017<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-18 ta' Frar 2018<sup>3</sup>,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni (COM(2022)0014),
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari<sup>4</sup> dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2017)0282),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A9-0041/2022),

---

<sup>2</sup> ĠU Ċ 129, 11.4.2018, p. 71.

<sup>3</sup> ĠU Ċ 176, 23.5.2018, p. 57.

<sup>4</sup> ĠU C 411, 27.11.2020, p. 258.

1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat f'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri kollha ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---